


© shutterstock: Travel and Learn

# L-aħjar prattiki fil-politiki pubbliċi rigward l-Ekonomija Soċjali Ewropea wara l-kriżi ekonomika

## SOMMARJU EŻEKUTTIV

*Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*

Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew

# L-aħjar prattiki fil-politiki pubbliċi rigward l-Ekonomija Soċjali Ewropea wara l-kriżi ekonomika

## Sommarju eżekuttiv

*L-informazzjoni u l-fehmiet stabbiliti f'dan l-istudju huma dawk tal-awturi u mhux bilfors jirriflettu l-opinjoni uffiċjali tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew.*
*Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ma jagħtix garanzija tal-preċiżjoni tad-data inkluża f'dan l-istudju.*
*La l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lanqas kwalunkwe persuna li taġixxi f'isem il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ma jistgħu jinżammu responsabbli għall-użu li jista' jsir mill-informazzjoni li tinsab fih.*

## Informazzjoni ġenerali

| | |
|---|---|
| STUDJU GĦAL | *Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE)* |
| SERVIZZ LI QED JAGĦMEL IT-TALBA | *Il-Kategorija tal-Ekonomija Soċjali tal-KESE* |
| IS-SERVIZZ TAL-ĠESTJONI TA' STUDJU | *Segretarjat tal-Grupp Diversità Ewropa* |
| DATA | *Mejju 2018* |
| IL-KUNTRATTUR PRINĊIPALI | *CIRIEC International Aisbl* |
| AWTURI | *Rafael Chaves Avila*<br>*José Luis Monzón* |
| KUNTATTI | *Rafael Chaves Avila* - [Rafael.Chaves@uv.es](mailto:Rafael.Chaves@uv.es) |


| IDENTIFIKATURI | | ISBN | doi |
|---|---|---|---|
| SOMMARJU EŻEKUTTIV | | | |
| PDF | *QE-02-18-749-MT-N* | *978-92-830-4207-5* | *10.2864/116669* |

## 1. Introduzzjoni

Sa mit-tmiem tal-aħħar deċennju, bosta istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea talbu għal politiki pubbliċi li jagħtu spinta lill-ekonomija soċjali fuq livell Ewropew, nazzjonali u reġjonali. Dikjarazzjoni ewlenija saret bil-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew, ippubblikati fis-7 ta' Diċembru 2015, dwar *Il-promozzjoni tal-ekonomija soċjali bħala mutur ewlieni ta' żvilupp ekonomiku u soċjali fl-Ewropa*. Dikjarazzjoni uffiċjali preċedenti oħra kienet ir-"Rapport ta' Toia"[1] approvat fl-2009 mill-Parlament Ewropew. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) approva wkoll bosta Opinjonijiet biex isaħħaħ l-Ekonomija Soċjali matul dan il-perjodu. Dawn l-iżviluppi kollha jirriflettu li l-ekonomija soċjali qed issib postha bħala parti kostitwenti u pilastru tal-mudell Soċjali Ewropew u bħala l-pedament ta' żvilupp soċjoekonomiku sostenibbli.

F'dan il-kuntest u anke fil-kuntest tal-aħħar kriżi, matul dan id-deċennju ħarġet ġenerazzjoni ġdida ta' politiki pubbliċi għall-ekonomija soċjali. Bosta gvernijiet fil-livell tal-UE, nazzjonali u reġjonali użaw politiki innovattivi madwar l-Ewropa biex jagħtu spinta lill-iżvilupp ta' dan is-settur soċjoekonomiku. Minkejja dak li ssemma qabel, huwa minnu li l-inklużjoni ta' tipi differenti ta' intrapriżi soċjali fil-politiki pubbliċi kienet prattika mifruxa għal deċennji. Dan l-aħħar fatt kien aktar viżibbli fil-politiki settorjali bħall-politiki agrikoli u ta' żvilupp rurali, il-politiki attivi dwar l-impjiegi li għandhom l-għan li jnaqqsu l-esklużjoni soċjali u l-politiki dwar l-ippjanar territorjali, pereżempju l-politiki dwar ir-riġenerazzjoni urbana u l-iżvilupp lokali. Fl-implimentazzjoni tagħhom, dawn il-politiki kollha għandhom atturi tal-ekonomija soċjali assoċjati magħhom.

## 2. Għanijiet u metodu

Din ir-riċerka tiddeskrivi għażla diversifikata ta' prattiki li rnexxew fil-politiki pubbliċi li jirrigwardaw l-Ekonomija Soċjali f'pajjiżi Ewropej differenti. Ir-riċerka tiffoka fuq il-politiki użati mill-gvernijiet, fuq livell Ewropew u nazzjonali, favur l-ekonomija soċjali fil-perjodu 2010-16. Din ir-riċerka hija marbuta ma' żewġ studji oħra, wieħed imwettaq reċentement minn CIRIEC għall-KESE, intitolat*Recent evolution of the Social Economy in the European Union* (Evoluzzjoni riċenti tal-Ekonomija Soċjali fl-Unjoni Ewropea - 2017)[2] . Ieħor twettaq u ġie ppubblikat minn CIRIEC[3] intitolat *The Emergence of the Social Economy in Public Policy. An International Analysis* (L-Emerġenza tal-Ekonomija Soċjali fil-Politika Pubblika. Analiżi Internazzjonali).

L-approċċ kunċettwali użat għall-ekonomija soċjali huwa l-istess bħal dak għall-istudju *The Social Economy in the European Union* (L-Ekonomija Soċjali fl-Unjoni Ewropea) u bħal dak użat mill-istituzzjonijiet tal-UE, bħad-definizzjonijiet tal-Parlament Ewropew fir-Rapport ta' Toia (2009): *"L-ekonomija soċjali hija magħmula minn kooperattivi, impriżi mutwi, assoċjazzjonijiet, fondazzjonijiet u intrapriżi u organizzazzjonijiet oħra li jikkondividu l-karatteristiċi li fuqhom hija msejsa l-ekonomija soċjali".*

---

1 Il-Parlament Ewropew (2009), *Rapport dwar l-Ekonomija Soċjali*, A6/0015/2009, Relatur Patrizia Toia.

2 CIRIEC/KESE (2017) : *Recent evolutions of the Social Economy in the European Union* (Evoluzzjonijiet riċenti tal-Ekonomija Soċjali fl-Unjoni Ewropea), il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, Brussell. http://www.eesc.europa.eu/en/our-work/publications-other-work/publications/recent-evolutions-social-economy-study

3 CIRIEC/Chaves,R. & Demoustier,D. (ed) (2013): *The Emergence of the Social Economy in Public Policy. An International Analysis* (L-Emerġenza tal-Ekonomija Soċjali fil-Politika Pubblika), Peter Lang publishers, Bruxelles.

Il-klassifikazzjoni tal-*politiki tal-ekonomija soċjali* (SEP) tintuża biex tippreżenta u tanalizza l-politiki pubbliċi diversifikati implimentati. Żewġ gruppi kbar ta' politiki promozzjonali tal-ekonomija soċjali jistgħu jintgħarfu: fuq naħa waħda l-*politiki mhux vinkolanti*, dawk immirati biex jistabbilixxu ambjent/ekosistema favorevoli li fihom dawn it-tipi ta' intrapriżi jinħolqu, joperaw u jiżviluppaw, u min-naħa l-oħra l-*politiki vinkolanti*, immirati lejn l-intrapriżi nnifishom fil-kapaċità tagħhom bħala unitajiet tan-negozju. Skont is-sitwazzjoni reali tat-territorju ta' referenza u l-grad ta' żvilupp u l-massa kritika tal-ekonomija soċjali tiegħu, l-awtoritajiet iridu jipprijoritizzaw xi tipi ta' politiki fuq oħrajn.

*Klassifikazzjoni tal-politiki tal-Ekonomija soċjali:* Il-*politiki mhux vinkolanti* għandhom l-għan li joħolqu ambjent favorevoli għall-ħolqien u l-iżvilupp tal-intrapriżi tal-ekonomija soċjali. Dawn jistgħu jinqasmu f'żewġ gruppi, il-politiki istituzzjonali u l-politiki konjittivi. *Il-politiki vinkolanti* għandhom l-għan li jintervjenu fil-proċess ekonomiku tal-intrapriżi tal-ekonomija soċjali b'inċentivi kemm min-naħa tal-provvista, li jippromovu l-kompetittività ekonomika tagħha fir-rwoli kummerċjali differenti fil-katina tal-valur, kif ukoll min-naħa tad-domanda. Għalhekk, itejbu l-aċċess ta' dawn l-intrapriżi soċjali għas-swieq pubbliċi u għas-swieq internazzjonali. It-Tabella 1 t'hawn taħt tiġbor fil-qosor din il-kategorija ta' miżuri.

**Tabella 1. Tipoloġija ta' politiki tal-ekonomija soċjali**

| | |
|---|---|
| ***Politiki mhux vinkolanti. Politiki mmirati lejn il-ħolqien ta' ekosistema favorevoli għall-intrapriżi*** | |
| Miżuri istituzzjonali | – miżuri mmirati lejn il-forma legali tal-entitajiet tal-ekonomija soċjali, filwaqt li jirrikonoxxuhom bħala parteċipant privat<br>– miżuri mmirati lejn ir-rikonoxximent tal-kapaċità tagħhom li joperaw intrapriżi tal-ekonomija soċjali fi ħdan is-settur kollu tal-attività ekonomika, li jneħħu kwalunkwe ostaklu legali li jista' jkun hemm<br>– miżuri mmirati lejn ir-rikonoxximent tal-intrapriżi tal-ekonomija soċjali bħala dawk li jfasslu l-politika, l-interlokuturi fid-disinn/fil-kostruzzjoni u fl-implimentazzjoni tal-politiki pubbliċi<br>– korpi pubbliċi li jippromovu l-intrapriżi tal-ekonomija soċjali |
| Miżuri tat-tip konjittiv | – miżuri li jxerrdu, iżidu l-livell ta' sensibilizzazzjoni u l-għarfien dwar l-ekonomija soċjali mis-soċjetà inġenerali jew/u mill-gruppi fil-mira<br>– miżuri li jippromovu t-taħriġ dwar l-ekonomija soċjali<br>– miżuri li jippromovu r-riċerka dwar l-ekonomija soċjali |
| ***Politiki vinkolanti. Politiki ekonomiċi li jippromovu l-intrapriżi*** | |
| Il-miżuri ta' provvista, immirati lejn ir-rikonoxximent tal-kompetittività fost l-intrapriżi tal-ekonomija soċjali | – miżuri ffukati fuq il-funzjonijiet tan-negozji, bħall-finanzjament, il-konsulenza/pariri, it-taħriġ, l-impjieg u l-immaniġġjar tar-riżorsi umani, il-kooperazzjoni u n-netwerks, ir-R&Ż u innovazzjoni, il-kwalità, teknoloġiji tal-kompjuters u tal-komunikazzjoni ġodda, l-ispazju fiżiku, eċċ.<br>– dawn il-miżuri li jintgħarfu skont iċ-ċiklu tal-ħajja tal-intrapriża (il-ħolqien jew l-istadju tal-iżvilupp tan-negozju) |
| Il-miżuri tad-domanda, immirati lejn l-attività tal-intrapriżi tal-ekonomija soċjali | – miżuri mmirati lejn l-iffaċilitar tal-aċċess għas-swieq pubbliċi u għas-swieq barranin (bħal klawsoli soċjali u kuntratti pubbliċi riżervati) |

Sors: Adattat minn Chaves (2010:164).

## 3. Għażla ta' każijiet ta' politiki tal-ekonomija soċjali fl-Ewropa li rnexxew

Skont l-għanijiet ta' dan l-istudju, qed tiġi ppreżentata għażla ta' 20 studju ta' każ ta' suċċess ta' politiki tal-ekonomija soċjali (SEP) użati fl-Ewropa. Dawn huma organizzati skont it-tipoloġija tas-SEP. L-għan huwa li jiġu ppreżentati każijiet diversifikati ħafna f'pajjiżi differenti. Biex jiġu identifikati l-"aħjar" prattiki jintużaw kriterji kwalitattivi, fuq il-bażi tal-esperjenza tal-grupp ta' esperti ta' CIRIEC stess, tal-Membri tal-KESE, tal-Ewropa tal-Ekonomija Soċjali u finalment, tad-89 espert intervistati fir-rigward tal-istudju l-ieħor imwettaq għall-KESE, *Recent evolutions of the Social Economy in the European Union* (Evoluzzjonijiet riċenti tal-Ekonomija Soċjali fl-Unjoni Ewropea). Minn hawn 'il quddiem jinsabu s-sommarji tal-20 każ ta' miżuri.

**Għażla ta' 20 każ ta' suċċess ta' politiki tal-ekonomija soċjali fl-Ewropa**

## A. Politiki mhux vinkolanti. Politiki mmirati lejn il-ħolqien ta' ekosistema favorevoli għall-intrapriżi

A.1. Miżuri istituzzjonali

Miżuri mmirati lejn il-forma legali bħala parteċipant privat
*Każ 1. Il-Liġi dwar l-Ekonomija Soċjali (ir-Rumanija)*
*Każ 2. Il-ftehim dwar il-kumpanija solidali tal-utilità soċjali (Franza)*
Miżuri mmirati lejn ir-rikonoxximent tal-intrapriżi tal-ekonomija soċjali bħala dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet, interlokutur fil-proċessi tal-politiki pubbliċi:
*Każ 3. Il-Kumitat tal-Istat għall-Iżvilupp tal-Ekonomija Soċjali u għall-Inkorporazzjoni tal-ekonomija soċjali fil-politiki pubbliċi ġenerali fuq livell nazzjonali u reġjonali (il-Polonja)*
*Każ 4. L-Ewropa tal-Ekonomija Soċjali (UE), l-organizzazzjoni rappreżentattiva fil-livell tal-UE tal-Ekonomija Soċjali*
*Każ 5. Ir-raggruppamenti ta' kooperazzjoni ekonomika reġjonali (Pôles Territoriaux de Coopération Economique-PTCE) (Franza)*
*Każ 6. Il-Programm Operazzjonali għall-Ekonomija Soċjali, l-Inklużjoni Soċjali u l-Istrateġija Nazzjonali (Spanja)*

A.2. Miżuri konjittivi

Miżuri li jiffukaw fuq is-sensibilizzazzjoni, it-tixrid u l-għarfien dwar l-ekonomija soċjali:
*Każ 7. Il-"Kunċett " u l-Pjan ta' Azzjoni tal-Ekonomija Soċjali (il-Bulgarija)*
*Każ 8. Il-kontijiet satelliti fuq l-ekonomija soċjali obbligatorji bil-Liġi dwar l-Ekonomija Soċjali (il-Portugall)*
Miżuri li jippromovu t-taħriġ dwar l-ekonomija soċjali:
*Każ 9. Il-ftehim nazzjonali bejn il-Ministeru tal-Edukazzjoni u n-Netwerks tal-kooperattivi tal-istudenti (Franza)*
Miżuri li jippromovu r-riċerka dwar l-ekonomija soċjali:
*Każ 10. In-netwerk tar-riċerka/tal-masters tal-universitajiet (Franza u Spanja)*

## B. Politiki vinkolanti. Politiki ekonomiċi li jippromovu l-intrapriżi

B.1. Miżuri ta' provvista

Miżuri li jiffukaw fuq l-aċċess għall-fondi:
*Każ 11. Il-Fond Soċjali Ewropew (UE)*
*Każ 12. Il-mekkaniżmu tad-deżinjazzjoni tal-perċentwali tat-taxxa għall-iffinanzjar tal-entitajiet soċjali (l-Italja u l-Ungerija)*
*Każ 13. Il-lotteriji u l-logħob bħala skema finanzjarja: il-każijiet ONCE u RAY (Spanja u l-Finlandja)*
*Każ 14. Il-fondi mutwi (l-Italja)*
*Każ 15. Il-fondi ta' intraprenditorija: Legge Marcora, Brasero, għodda finanzjarja u l-Iskema tal-kapitalizzazzjoni tal-benefiċċji tal-qgħad (l-Italja, il-Belġju u Spanja)*
Miżuri li jiffukaw fuq l-appoġġ għan-negozju (konsulenza, netwerking, inkubaturi, mentoraġġ, eċċ.):

*Każ 16. Il-pjattaformi tal-ekonomija soċjali fuq livell nazzjonali: CNCRES, CEPES u CEPS (Franza, Spanja, il-Portugall)*
*Każ 17. L-aġenziji tan-netwerk tal-gvern biex jippromovu l-ekonomija soċjali (il-Belġju)*

B.2. Miżuri tad-domanda

Miżuri mmirati lejn l-iffaċilitar tal-aċċess għas-swieq pubbliċi:
*Każ 18. L-akkwist u l-kuntratti riżervati (Spanja)*
*Każ 19. L-Att dwar il-Valur Soċjali (ir-Renju Unit)*
*Każ 20. Riforma del Terzo Settore – ir-Riforma tat-Tielet Settur (l-Italja)*

## 4. Ostakli għall-iżvilupp tal-ekonomija soċjali

Ir-rapport indirizza wkoll l-ostakli prinċipali għall-iżvilupp tal-ekonomija soċjali. Ġew identifikati erba' gruppi ta' ostakli prinċipali:

*In-nuqqas ta' għarfien u fehim* dwar il-kunċett tal-ekonomija soċjali, l-intrapriżi soċjali u kunċetti oħra relatati, fis-soċjetà, fid-dibattitu pubbliku u fis-settur akkademiku. Dan huwa ostaklu sinifikanti ħafna għall-pajjiżi tal-Lvant tal-UE bħall-Ungerija, il-Polonja, is-Slovakkja jew ir-Repubblika Ċeka. Marbuta ma' dan in-nuqqas ta' għarfien u fehim hemm il-viżibbiltà baxxa tal-ekonomija soċjali, fil-midja u anki fl-istatistika. Barra minn hekk, hemm bżonn ta' programmi edukattivi u ta' taħriġ fil-qasam tal-ekonomija soċjali fil-livelli kollha tal-edukazzjoni.

*In-nuqqas ta' tmexxija, strateġiji u aġenziji speċjalizzati tal-gvern***.** L-istudju żvela nuqqas ta' istituzzjonijiet ewlenin b'responsabbiltà għall-ekonomija soċjali, intrapriżi soċjali, voluntiera u soċjetà ċivili li huma kapaċi jiżviluppaw politiki u jinkoraġġixxu l-ekonomija soċjali. Konsegwentement, m'hemm l-ebda strateġija nazzjonali għall-ekonomija soċjali. Dan il-qasam mhuwiex meqjus bħala prijorità politika, u l-ekonomija soċjali tiffaċċja diffikultajiet biex tiġi inkluża fl-aġenda politika tal-gvernijiet.

*In-nuqqas ta' skemi finanzjarji u tat-taxxa jew skemi finanzjarji u tat-taxxa mhux adattati.*

*Ostakli istituzzjonali. L-ostakli tar-regolamenti tal-fergħa u tas-settur* jikkonsistu f'bidliet fir-regolamenti tas-settur li jikkostitwixxu ostkali għall-operazzjonijiet tal-entitajiet tal-ekonomija soċjali. Eż. fi Franza u Spanja, il-bidliet tal-gvern fir-regolamentazzjoni komplementari tal-protezzjoni soċjali affettwaw b'mod negattiv lill-entitajiet tas-saħħa ta' benefiċċju komuni f'dawn l-aħħar snin, fejn f'xi każijiet wassluhom biex jagħmlu fużjoni jew biex jibdlu l-istatus legali tagħhom għal dak ta' entità bi skop ta' qligħ. Fil-Finlandja, id-Direttiva dwar l-Akkwist Pubbliku li ppermettiet li jiġu riżervati kuntratti għal ċerti servizzi mhijiex qed tiġi implimentata, u għalhekk l-entitajiet tal-ekonomija soċjali ma jistgħux jibbenefikaw minnha. *In-nuqqas ta' statuti u liġijiet dwar l-ekonomija soċjali jew statuti u liġijiet mhux adattati* jikkonċerna n-nuqqas ta' implimentazzjoni tar-regolamenti l-ġodda għall-intrapriżi soċjali. Barra minn hekk, inħolqu diffikultajiet ġodda għall-entitajiet tal-ekonomija soċjali minħabba forom legali nazzjonali ġodda tal-ekonomija soċjali jew tibdil fil-forom ġuridiċi. Pereżempju, fil-Polonja u l-Portugall, il-bidliet reċenti fil-liġijiet dwar il-kooperattivi mhumiex meqjusa adatti għall-kooperattivi.

## 5. L-isfidi tal-politiki tal-ekonomija soċjali fl-Ewropa

Fis-snin reċenti madwar l-Ewropa, iżda wkoll f'pajjiżi oħra fid-dinja, ħafna gvernijiet żviluppaw ġenerazzjoni ġdida ta' politiki tal-ekonomija soċjali. Billi dan huwa fenomenu emerġenti, hemm biss ftit studji ddedikati għall-analiżi u l-valutazzjoni empiriċi tagħhom. Fi kwalunkwe każ, fid-dawl ta' dawn l-istudji tal-bidu u tax-xogħol li sar f'dan ir-rapport, huwa possibbli li jiġu identifikati xi sfidi, riskji u tagħlimiet.

1. *L-isfida tal-valutazzjoni tal-politiki ekonomiċi soċjali*

Minħabba l-ħajja qasira ta' numru mdaqqas ta' politiki tal-ekonomija soċjali (SEP) u t-tul ta' żmien meħtieġ għall-implimentazzjoni tagħhom u biex dawn ikollhom effett, għad hemm biss ftit rapporti ta' valutazzjoni. Madankollu, aktar importanti mill-iżvilupp ta' metodoloġija tal-valutazzjoni rigoruża u operazzjonali ta' dawn il-politiki, hemm l-istabbiliment ta' indikaturi sintetiċi kif ukoll kriterji ġenerali u speċifiċi. Simili għall-isfida attwali tal-kejl tal-impatt soċjali u ekonomiku tal-ekonomija soċjali u tal-intrapriżi soċjali hija l-isfida tal-valutazzjoni tal-politiki tal-ekonomija soċjali. Din il-metodoloġija trid tikkontempla l-kamp ta' applikazzjoni tal-għanijiet, b'mod partikolari, jekk jippreżentawx perjodu twil jew qasir ta' żvilupp u jekk il-livell tal-konċepiment tagħhom huwiex meso-makro-mikro ekonomiku. Utting (2017)[4] pereżempju jipproponi kriterji tal-valutazzjoni kwalitattivi għal dawn il-politiki, dawk ibbażati fuq il-kapaċità tal-Istat, il-koerenza politika, il-parteċipazzjoni u s-sostenibbiltà.

F'dan ir-rigward huwa kruċjali li jinħoloq Osservatorju Ewropew tal-Politiki Ekonomiċi Soċjali b'żewġ funzjonijiet prinċipali: min-naħa waħda, biex jipprovdi bażi ta' data tal-politiki użati fil-Komunità Ewropea, fil-gvernijiet nazzjonali, reġjonali u lokali, u min-naħa l-oħra, biex joffri metodoloġiji ta' valutazzjoni u studji tal-impatt tal-politiki, sabiex jgħin lil dawk li jfasslu l-politika fit-tfassil tal-politiki li jixtiequ jimplimentaw, biex b'hekk japplikaw il-perspettiva bbażata fuq l-evidenza meħtieġa minn dawk li jfasslu l-politika.

2. *Ir-riskji fit-tfassil u l-implimentazzjoni tal-politiki tal-ekonomija soċjali*

Jekk fil-politiki tal-ekonomija soċjali kollha hemm il-ħsieb li tingħata l-akbar spinta possibbli lill-kontribut tal-ekonomija soċjali biex issolvi kwistjonijiet sostantivi tas-soċjetajiet Ewropej, biex tiġġenera l-innovazzjoni u biex toffri rispons għall-isfidi kbar fl-Ewropa, irridu nevitaw it-tfassil ta' dawn il-politiki minn perspettivi parzjali, strumentali u minn fuq għal isfel.

L-ewwel riskju huwa dak tal-parzjalità u tal-frammentazzjoni fil-konċepiment tas-SEPs. Din il-frammentazzjoni hija kkawżata mid-delimitazzjoni tal-qasam tal-politika, kemm f'dak li jikkonċerna l-popolazzjoni destinatarja kif ukoll l-istrumenti użati. Il-preġudizzju jista' jwassal biex l-attenzjoni tkun limitata biss għal segmenti tal-entitajiet tal-ekonomija soċjali – bħall-intrapriżi soċjali jew l-organizzazzjonijiet volontarji – għal stadji tal-iżvilupp tal-entitajiet tal-ekonomija soċjali eż. l-entitajiet fl-istadju bikri tagħhom ta' emerġenza u sperimentazzjoni, bl-esklużjoni ta' dawk li jinsabu taħt żvilupp u konsolidazzjoni biex b'hekk jiġi llimitat b'mod serju l-potenzjal ta' trasformazzjoni u ġenerazzjonali tal-valur miżjud soċjali tal-ekonomija soċjali.

It-tieni riskju huwa dak tal-istrumentalizzazzjoni tal-ekonomija soċjali f'dawn il-politiki kollha (Chaves, 2002; Utting, 2017). Dawn il-politiki qed jiġu żviluppati filwaqt li jeżistu kwistjonijiet soċjali u ekonomiċi sostantivi. L-ekonomija soċjali hija meqjusa bħala strument ta' politika settorjali usa' b'tali mod li jekk jinbidlu l-prijorità u t-tfassil ta' din tal-aħħar, l-apparat tas-SEP jinbidel ukoll. Minn din il-perspettiva, ir-rwol multidimensjonali tal-ekonomija soċjali huwa ddevjat, u jikkontempla biss waħda mill-funzjonijiet tagħha.

4 UTTING, P. (ed.) (2015). *Social and Solidarity Economy: Beyond the Fringe*. Londra: Zed Books.

It-tielet riskju jirriżulta mis-sottovalutazzjoni tal-potenzjal tas-soċjetà ċivili li hija organizzata biex tmexxi proġetti ta' żvilupp soċjali u ekonomiku, appoġġjata u katalizzata mill-istituzzjonijiet pubbliċi. Din is-soċjetà ċivili organizzata hija finalment il-portatur tal-ħtiġijiet soċjali li jridu jiġu ssodisfati, tal-problemi li għalihom trid tingħata tweġiba, u tal-innovazzjonijiet li jiżvelaw l-aspirazzjonijiet tagħha. Hija l-magna soċjali tal-ekonomija soċjali li s-SEPs iridu jakkumpanjaw. L-approċċ unilaterali eċċessiv minn fuq għal isfel, b'integrazzjoni insuffiċjenti tas-soċjetà ċivili organizzata fit-tfassil u l-implimentazzjoni tas-SEPs, huwa żball kunċettwali ewlieni, anke għall-kontinwità fiż-żmien ta' dawn il-politiki.

3. *It-tagħlimiet għal ġenerazzjoni ġdida olistika ta' politiki tal-ekonomija soċjali*

Il-lista ta' każijiet ta' prattika tajba fil-politiki tal-ekonomija soċjali ppreżentati f'dan ir-rapport jippruvaw ikunu diversi b'mod espliċitu fir-rigward tat-tipi ta' miżuri, iżda, b'mod ġenerali, għandha l-għan ukoll li tkun ta' referenza għall-politika olistika tal-ekonomija soċjali. Il-perspettiva olistika tmur lil hinn mill-perspettiva integrali, b'din tal-aħħar tkun sempliċiment il-ġabra flimkien tal-partijiet kollha. Il-perspettiva olistika għandha tinftiehem bħala l-karatteristiċi tas-sistema, f'dan il-każ, il-miżuri kollha – hawnhekk l-20 każ ippreżentat – iġibu ruħhom b'mod differenti mill-aggregazzjoni sempliċi tal-partijiet tagħha.

Biex il-politika nazzjonali, Ewropea jew reġjonali tal-ekonomija soċjali jkollha għan wiesa' u tipprova tnaqqas ir-riskji msemmija hawn fuq, trid titqies b'mod olistiku u tkun ibbażata fuq tliet assi: l-integrazzjoni, is-sħubija u strateġiċi.

*Integrazzjoni.* Il-politika tal-ekonomija soċjali trid tinfiltra fl-apparat sħiħ tal-gvern u l-politiki tiegħu, filwaqt li tevita l-"ħolqien ta' gettos" f'Direttorat Ġenerali uniku u fi strument partikolari. L-ewwel nett, biex tkun effiċjenti trid tkun integrata u konsistenti mal-aġenda tal-programm ċentrali tal-gvern ta' referenza, kemm il-programmi ġenerali kif ukoll dawk settorjali tiegħu. It-tieni, trid tkun kapaċi timmobilizza l-organizzazzjonijiet, is-servizzi u l-amministrazzjonijiet li jappartjenu għas-settur pubbliku, biex tiġġenera effett ta' ingranaġġ amministrattiv. It-tielet, trid tkun mgħammra b'korp fl-amministrazzjoni, eż. direttorat ġenerali speċifiku jew kumitat interministerjali, li jaqdi r-rwol intraprenditorjali tal-politika interna. Jiġifieri, tkun fuq quddiem fl-inizjattivi politiċi fi ħdan l-awtoritajiet pubbliċi. Dan huwa rwol li korp pubbliku biss jista' jaqdi.

*Sħubija.* Il-politika tal-ekonomija soċjali jrid ikollha l-kompliċità u l-involviment tal-ekonomija soċjali fil-livelli kollha. Din il-politika pubblika-privata maqbula, ibbażata fuq djalogu ċivili permanenti, irid ikollha tliet elementi: l-ewwel, intermedjarju b'saħħtu u indipendenti tal-ekonomija soċjali, it-tieni, kemm oqsma informali kif ukoll istituzzjonalizzati għad-djalogu/għall-pariri. It-tielet, l-applikazzjoni ta' dawn il-pariri kemm fl-isfera tal-iżvilupp konġunt u tat-tfassil tal-politiki kif ukoll fl-isfera tal-implimentazzjoni u l-ġestjoni ta' dawn il-politiki. L-awtoritajiet pubbliċi jridu jappoġġjaw, min-naħa waħda, in-natura indipendenti u kkonsolidata ta' dan l-intermedjarju tal-ekonomija soċjali, sabiex dan tal-aħħar ikun l-imprenditur tal-politika esterna, li jagħti t-tifsira u l-kontinwità tul iż-żmien lil dawn il-politiki. L-awtoritajiet pubbliċi jridu joħolqu korpi ta' konsulenza b'rappreżentazzjoni pluralista tal-ekonomija soċjali iżda wkoll fora informali li jagħmluha aktar faċli għall-monitoraġġ ta' kuljum tal-inizjattivi ta' politika hekk kif ifiġġu. Dan tal-aħħar se jagħmilha possibbli li jiġi evitat il-ħolqien ta' ostakli legali mhux mixtieqa minħabba inizjattivi ta' politika kontigwi ġodda. Il-parteċipazzjoni tal-korpi rappreżentattivi tal-ekonomija soċjali fit-tfassil tas-SEPs se tikkontribwixxi għat-tqabbil aħjar

tal-identifikazzjoni u għad-dijanjożi ta' kwistjonijiet u ħtiġijiet, kif ukoll tal-miżuri li se jiġu adottati. Dan tal-aħħar jenfasizza n-natura soċjali u kkundizzjonata skont it-territorju tal-politiki tal-ekonomija soċjali u r-replikabbiltà diretta dubjuża tagħhom. Il-parteċipazzjoni tal-korpi tal-ekonomija soċjali fl-applikazzjoni tal-politiki se tiffavorixxi t-titjib tal-effettività ta' dawn il-politiki, l-aċċettazzjoni tagħhom mis-setturi u mill-benefiċjarji, kif ukoll il-viżibbiltà tal-politiki mnedija.

*Strateġiċi.* Fl-aħħar iżda mhux l-anqas, il-politika tal-ekonomija soċjali ma tridx tkun limitata għal strument jew mekkaniżmu iżolat. Kif imsemmi hawn fuq, trid tlaqqa' flimkien bosta mekkaniżmi fi strateġija usa' u pluriennali.

***Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew***

Rue Belliard/Belliardstraat 99
1040 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

Persuna inkarigata mill-pubblikazzjoni:
Unità taż-Żjajjar u l-Pubblikazzjonijiet
EESC-2018-50-MT
www.eesc.europa.eu

© L-Unjoni Ewropea, 2018
Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata kemm-il darba jissemma s-sors oriġinali.

Għal kwalunkwe użu jew riproduzzjoni ta' ritratt / grafika, il-permess għandu jintalab direttament mid-detentur tad-drittijiet tal-awtur.

*Online*
QE-02-18-749-MT-N
ISBN 978-92-830-4207-5
doi:10.2864/116669

MT